**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit***

**Kumpilazzjoni Nru. 39/19**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Matthew Spagnol)**
**-vs-**
**Joseph Borg**

**Illum, 20 ta' Settembru, 2021**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Joseph Borg, iben Joseph u Emmanuela nee' Marquett, imwieled tal-Pieta' fit-5 ta' Dicembru, 1962, residenti Blokk 5, Bieb C, Flat 1, Misrah Lewza, San Gwann, u detentur tal-Karta tal-Identita' numru 9163(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar it-tmintax (18) ta' Jannar, 2019 u/jew fix-xhur ta' qabel din id-data:

1. Uza vjolenza, inkluz vjolenza morali u, jew psikologika, u, jew sfurzar, sabiex igieghel lil xi hadd, u cioe' lil Isaac Redent Borg u lil Kayleigh Cauchi, jaghmlu, ihalli ssir, jew jonqsu milli jaghmlu xi haga, jew sabiex inaqqas l-abiltajiet tal-persuna jew jizola tali persuna jew jillimita l-access ghall-flus, edukazzjoni jew impjiet, u dan bi ksur tal-Artikoli 251(1) u 202(h)(iii) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Ikkawza lill-ibnu Isaac Redent Borg u lil Kayleigh Cauchi, biza' li se tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta' taghhom, u dan bi ksur tal-Artikoli 251(1) u 202(h)(iii) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Bl-imgiba tieghu, ikkaguna lil Isaac Redent Borg u lil kayleigh Cauchi biza' li se tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta' taghhom jew kontra l-persuna jew il-propjeta' taghhom, u dan bi ksur tal-Artikoli 251B(1) u 202(h)(iii) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tohrog Ordni ta' Protezzjoni kontra l-akkuzat sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Isaac Redent Borg u Kayleigh Cauchi, jew ghaz-zamma tal-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leza jew ta' individwi ohra minn fastidju jew imgiba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, u dan ai termini tal-Artikoli 383 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex titratta dan il-kaz bhala wiehed ta' vjolenza domestika skont il-Kapitolu 581 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur, l-Ispettur Matthew Spagnol, qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront tal-imputat fis-seduta datata 20 ta' Jannar 2019 quddiem din il-Qorti.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', fedina penali mmarkata bhala Dok MS1, stqarrija mmarkata bhala Dok MS2, dikjarazzjoni ta' rifjut ta' assistenza legali mmarkat bhala Dok MS3, zewg *referrals* rigward vjolenza domestika mmarkati bhala Dok MS4 u Dok MS5, okkorrenza mmarkata bhala Dok MS6, kont tad-dawl immarkat bhala Dok PF1, ircevuta tal-Awtorita' tal-Artijiet immarkata bhala Dok PF2, rapport ta' Dr Mario Scerri mmarkat bhala Dok MS1, sentenza mmarkata bhala Dok B, rikors immarkat bhala Dok C, *file* mediku mmarkata bhala Dok OB1, vera kopja ta' process immarkat bhala Dok AB1, kontijiet tad-dawl immarkati minn Dok RB1 sa Dok RB3, fedina penali mmarkata bhala Dok JX1, 12-il rapport immarkati bhala Dok JX2, verbal immarkat bhala Dok MRC1, kopja ta' mandat immarkat bhala Dok MG1, kopja ta' rikors immarkat bhala Dok MDF1 u dokument bir-*records* immarkat bhala Dok HG1.

Rat in-nota tar-Rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata 7 ta' Marzu, 2019 fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

- Fl-Artikoli 202(h)(iii), 222(1), 251 u 251B tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li fil-verbal tat-28 ta' Marzu, 2019 il-Qorti qrat l-artikoli fejn l-imputat wiegeb li huwa m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jinstema' bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, u cioe' lill-Ispettur Joseph Xerri, Isaac Redent Borg, Kayleigh Cauchi, Miguel Borg, Joanna Catania, Manuel Galea, Sharon Magro Scerri, Dr Mario Scerri, PS 1320 Sean Axiaq u lil PC 1346 Stephen Cardona.

L-**Ispettur Joseph Xerri** xehed li nhar it-18 ta' Jannar 2019 fejn qal li PS 1320 Shaun Axiaq kienu acceddew fuq rigward argument familjari bejn Joseph Borg u ibnu Isaac Redent Borg wara li Joseph Borg kien argumenta mat-tfajla ta' Isaac rigward kontijiet tad-dawl u li fl-argument Isaac kien imbutta lill-missieru mal-hajt. Huwa kompla jghid li Isaac allega li kienu qed isofru minn abbuz psikologiku min-naha ta' missierhom, kien ikun aggressiv maghhom u li kien anke kien idejjaqhom habba flus. Huwa jghid ukoll li mir-*risk assessment* li kien sar Kayleigh Cauchi rrizultat low *risk* filwaqt li Isaac irrizulta *high risk*.

**Isaac Redent Borg** jghid li missieru kien kuljum jaqla l-argumenti mieghu habba l-flus, ghaliex kellu d-dejn fuq il-kontijiet tad-dawl u l-ilma u fuq il-post. Huwa spjega li missieru kien "kattiv", kien joffendih b'ommu u hutu, jipprova jgelldu maghhom u kien ibezzghu bit-tfal tal-partner tieghu u li ma kienux hallewh juza l-*fridge*, il-gass u l-*geyser*. Huwa stqarr li kellu ftehim li jhallas hamsin ewro (€50) ghad-dawl u ghaxar ewro (€10) ghal kera. Huwa jghid li dakinhar tal-incident kienu telghulu ghaliex li rega talab il-flus lit-tfajla tieghu meta baghtu biex jixtrilu pappagall ta' elf u erba' mitt ewro (€1400) bid-dejn u li kellhom xi jghidu. Huwa nnega li kien refa' idu fuq missieru jew li kellu xi kuntatt fiziku waqt l-argument. Huwa kkonferma li kien ilu joqghod ma' missieru xi erba' (4) jew hames (5) xhur ghaliex ma kellux fejn imur joqghod.

**Kayleigh Cauchi** tghid li dakinhar tal-incident kellha argument ma' Joseph Borg wara li ridhom ihalsu nofs id-dejn li kellu fuq il-kont tad-dawl u l-ilma u hi rrifjutat ghax il-ftehim kien mod li jhallsu hamsin ewro (€50) ghad-dawl u ghaxar ewro (€10) ghal kera. Hija tghid li beda jipprovokaha b'hafna diskors u argumenti u akkuzi. Hija tghid ukoll li waqt il-glieda Isaac kien mar quddiem wicc missieru pero' ma kienx missu. Meta mistoqsija hija kkonfermat li ilhom joqghodu hemm erba' (4) xhur, li qabel kienu jghixu ma' ommu u li ma kellhomx iktar fejn imorru joqghodu. Hija wkoll ikkonfermat li Joseph Borg kien ibati minn *depression* u mard iehor u kien jiehu l-medicini.

**Miguel Borg** iddikjara li kien ser jilqa' lill-missieru ghandu sakemm tigi deciza l-kawza.

**Joanna Catania** tghid li Isaac kien ikollu hafna argumenti ma' misseru Joseph Borg ghaliex kien ipejjep id-droga synthetic, kien ikun irid il-flus u kien johrog jghajjat u jirabbja fil-bitha meta missieu ma kienx itih flus. Hija tghid ukoll li Isaac kien joffendih b'ommu lill-missieru u li missieru kien joqghod kwiet u jiehu pacenzja bih. Meta mistoqsija hija tikkonferma li Joseph qatt ma talab flus lil Isaac fil-prezenza taghha. Hija stqarret li ghalkemm il-kontijiet kienet thallashom hi, il-kontijiet tad-dawl u l-kera immarkati bhala Dok PF1 u Dok PF2 ma kinitx halsithom hi. Hija kkonfermat ukoll li Joseph Borg kien ibati minn diversi problemi ta' sahha u kien jiehu l-kura.

**Manuel Galea** ikkonferma l-kontenut tar-risk assesment ta' Isaac Redent Borg u Kayliegh Cauchi.

**Sharon Magro Scerri** ikkonfermat il-kontentu tar-risk assemsment a fol 12 fejn ta' Kayliegh kien gie 13 li mhuwiex gholi izda ta' Isaac kien gie 27.5 li hu pjuttosts gholi.

**Dr Mario Scerri**, wara li ezamina lil Joseph Borg nhar l-4 ta' Gunju 2019 u wara li ra l-medical file tieghu, ikkonkluda li jbati minn diversi mard, li jiehu lista ta' medici u li huwa tal-opinjoni li m'ghandux jghix wahdu u ghandu jkun akkumpanjat.

**PS 1320 Sean Axiaq** jikkonferma r-rapport li ghamel a fol 22 u jghid li dakinhar tal-incident kienu marru fuq il-post tal-incident wara argument bejn Joseph Borg u ibnu Isaac, fejn wara li kellem lil Joseph, dan sqarr li Isaac kien hareg barra u hu kien mar ikellem lit-tfajla tieghu biex sakemm idumu hemm ihalssu xi haga tal-flus u wara li dahal Isaac inqala argument fejn Isaac rass lil missieru ma' kolonna. Huwa jghid ukoll li kellem lil Isaac u t-tfajla tieghu fejn dan ammetta li kien rass lil missieru ma' kolonna izda ma weggghax u li Isaac stqarr ukoll li kien ghaddej minn vjolenza domestika psikologika ghax missieru l-hin kollu jaqbad mieghu. PS 1320 jghid ukoll li Joseph Borg kien arrestat wara r-rizutat *high risk* tar-*risk assesment*.

**PC 1346 Stephen Cardona** xehed li fit-18 ta' Jannar 2019 flimkien ma' PS 1320 kienu marru fuq il-post tal-argument fejn Joseph Borg stqarr li nqala argument ma' ibnu wara li dan baghtu jixtri pappagall u talab xi flus lit-tfajla tat-tifel u meta infurmata t-tfalja, Isaac argumenta ma' missieru. Huwa jghid li Joseph u Isaac kienu mwissijin biex ma jaqilghux inkwiet bejniethom. PC 1346 zied li l-ghada kienu ordnati mill-Ispettur Xerri sabiex jarrestaw lil Joseph Borg minhabba riskju gholi ta' vjolenza domestika.

Semghet ix-xhieda tad-Difiza, u cioe' Oswald Balzan, Angelo Buttigieg, Ruben Bonnici, lill-Ispettur Joseph Xerri in kontro-ezami, Eunice Grech Fiorini, Maria Ruth Ciantar, Mario Genius, Ritianne Borg, Miguel Borg, Maria Dolores Fenech, Dr Mario Scerri, Helenio Galea u lil Joanne Catania.

**Oswald Balzan** in rapprezentanza tal-isptar Monte Carmeli pprezenta l-file mediku ta' Joseph Borg tal-isptar Mount Carmel.

**Angelo Buttigieg** in rapprezentanza tar-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali pprezenta vera kopja tal-process Joseph Borg vs Isaac Redent Borg u Kylie Borg, rikors numru 50/2019, deciza fl-24 ta' Lulju 2019.

**Ruben Bonnici** in rapprezentanza tal-ARMS ipprezenta kopja tal-kontijiet li jibdew mit-22 t'Ottubru 2018 sal-aktar ricenti.

L-**Ispettur Joseph Xerri** kkonferma li ttiehdu proceduri sommarji fil-konfront ta' Isaac minhabba li attakka lil missieru u li fuq l-istess incident kien hemm inkjesta magisterjali. Huwa pprezenta tnax-il rapport f'isem Isaac Redent Borg.

**Maria Ruth Ciantar** in rapprezentanza tar-Registratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali pprezentat vera kopja tal-verbal datat 17 ta' Gunju 2020.

**Marixxall Mario Genius** ipprezenta kopja ta' mandat ta' zgumbrament bin-numru 1150/2019 fl-ismijiet Joseph Brog kontra Isaac Redent Borg u Kylie Cauchi. Huwa jispjega li nnotifika lil Isaac u lil Kylie bl-avviz ta' tmint ijiem gewwa San Gwann u huma ghaddew ic-cwievet lil Marixxall Mario Genius.

**Ritianne Borg** tispjega li Joseph Borg huwa l-kunjatu taghha u hija toqghod gewwa Hal Qormi. Tikkonferma li Joseph Borg kien ghamel xi disa' xhur jghix fl-istess residenza maghha, mar-ragel u mat-tfal. Tghid li l-imgieba tieghu dejjem kienet wahda tajba. Rigward is-sahha ta' Joseph Borg, hi kienet tlestilu l-pirmli ghax kien jiehu xi tmien pirmli filghodu u tmien pirmli fl-ghaxija. Tghid li Joseph Borg jorqod bin-nappy u huwa dipendenti hafna fuq haddiehor.

**Miguel Borg** huwa t-tifel ta' Joseph Borg u jahdem gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Jikkonferma li Joseph Borg kien ghamel xi disa' xhur jghix fid-dar tieghu mal-mara u t-tfal. Jispjega li kien mar joqghod ghandu stante li t-tifel l-iehor ta' Joseph Borg, u cioe' Isaac Redent Borg kecca lil missieru mid-dar u ghalhekk spicca m'ghandux fejn jghix. Miguel Borg jispjega li meta missieru u ommu kienu ghadhom flimkien, qatt ma ra lil missieru jkun vjolenti ma ommu.

**Maria Dolores Fenech**, Assistent Registratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali pprezentat ordni ta' protezzjoni.

**Dr. Mario Scerri** jispjega li Joseph Borg ibati minn diversi kundizzjonijiet fosthom dijabete li affettwatlu ghajnejh, pressjoni li m'hijiex ikkontrollata stante li daqqa jiehu pirmli u daqqa le. Jispjega li minhabba dawn il-kundizzjonijiet, Joseph Borg ma tantx ghandu vista tajba u ghalhekk ghandu bzonn assistenza.

**Helenio Galea** stazzjonat ir-Records Office l-Agenzija ghas-Servizzi Korrettivi jispjega li Joseph Borg bin-numru tal-karta tal-identita' 9163M dahal il-Facilita' fl-20 ta' Jannar 2019 u hareg fl-14 ta' Frar 2019 u qatt ma kien il-habs qabel din id-data. Tul iz-zmien li ghamel gewwa l-Facilita', l-imgieba ta' Joseph Borg kienet wahda tajba.

**Joanne Catania** tispjega li l-kontijiet tad-dawl u l-ilma gewwa Block 5, Door C, Flat 1, Misrah Lewza, San Gwann jaghjtu lil Joseph Borg u tghid li meta Isaac mar jghix ma missieru Joseph, il-ftehim kien li l-kont tad-dawl u l-ilma jinqasam bin-nofs bejniethom izda Isaac qatt ma onora dan il-ftehim. Mill-kontijiet li kien jircievi Joseph Borg, Isaac hallas darba l-ammont ta' €100. Joanne Catania tghid li Joseph Borg sar dipendenti fuqha.

Rat li Isaac Redent Borg iddikjara li qed jirrinunzja ghal dak kollu rinunzjabbli fil-konfront tal-imputat fis-seduta datata 6 ta' Awwissu, 2020.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Ufficjal Prosekutur u tad-Difiza.

**Ikkunsidrat:**

**Decide:**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**